QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
INFERJURI

**MAGISTRAT DOTTOR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar It-Tlieta 16 ta' Mejju 2000**

Avviz numru 134/97G2

Jude Taddeo sive Teddy Farrugia bhala wiehed mill-proprjetarji ta' l-azjenda kummercjali Farrugia Brothers

-vs-

Sajjad Hussein u martu Rita Hussein

Il-Qorti;

Rat l-avviz ipprezentat mill-atturi fl-erbgha (4) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-pagament ta' mija u wiehed u tletin lira Maltin u zewg centezmi (Lm131.02) prezz ta' imbejjed u xorb iehor lilhom mibjugh u kkonsenjat mill-attur ghall-ordni taghhom stess u li baqa' mhux saldat minnhom minkejja li gew interpellati inutilment diversi drabi biex jissaldaw dan il-hlas u minkejja wkoll li saru diversi promessi minnhom li jissaldaw l-imsemmi bilanc u xorta wahda baqa' ma sar ebda hlas minnhom.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja tal-merci lilhom mibjugha sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali tal-ewwel (1) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharkin.

Rat il-verbali ta' din il-kawza specjalment ta' dawk tat-tmienja (8) ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) u tas-sbatax (17) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fejn

irrizulta illi s-sorte thallas fil-meritu tal-kawza u baqa' biss il-kwestjoni ta' l-imghaxijiet u spejjez.

Rat illi din il-kawza kienet qed tigi differita ghac-cessjoni wara li jsir ftehim bejn il-partijiet fuq dan l-ahhar kap ta' l-ispejjez u imghaxijiet.

Rat illi dan il-ftehim baqa' ma sarx u intalab sentenza fuq dan il-kap.

Peress illi rrizulta illi l-meritu thallas fil-mori ta' din il-kawza, fejn allura l-ispejjez kienu diga' lahqu saru mill-atturi ghall-kanonizzazzjoni tat-talba taghhom li sussegwentement tirrizulta gustifikat bil-pagament imsemmi.

Il-Qorti;

Ghalhekk fuq l-iskorta ta' dan il-pagament maghmul fil-mori tal-kawza, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu l-ispejjez ta' din il-kawza.